DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/909

tat-18 ta' Frar 2019

li tistabbilixxi l-lista ta' stħarriġiet obbligatorji tar-riċerka u l-limiti għall-għanijiet tal-programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-*data* fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-Istati Membri għandhom jiġbru d-*data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika meħtieġa għall-ġestjoni tas-sajd. Il-programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir, għall-ġestjoni u għall-użu tad-*data* fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura (EU MAP) għall-perjodu 2017-2019 ġie adottat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1251 ([3]) u jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2019.

(2) Il-programm multiannwali tal-Unjoni hu meħtieġ biex l-Istati Membri jispeċifikaw u jippjanaw l-attivitajiet tal-ġbir tad-*data* tagħhom fil-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali tagħhom. Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), dawn il-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru tas-sena ta' qabel is-sena meta għandu japplika l-pjan ta' ħidma.

(3) Bħala tħejjija għar-rieżami tal-EU MAP wara l-2019, qed isiru konsultazzjonijiet ma' esperti permezz tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, il-gruppi ta' koordinazzjoni reġjonali, rappreżentanti tal-Istati Membri u partijiet konċernati rilevanti oħra, u se jintemmu biss fl-aħħar tal-2019. Minħabba f'hekk, l-EU MAP il-ġdida li tqis l-eżiti ta' dawn il-konsultazzjonijiet ma tistax tiġi adottata qabel l-2021.

(4) Għalhekk għall-2020 u l-2021 hemm bżonn jiġu adottati dispożizzjonijiet dwar il-lista ta' stħarriġiet obbligatorji tar-riċerka fuq il-baħar u l-limiti li inqas minnhom, l-Istati Membri mhumiex obbligati jiġbru d-*data*, li hemm inkluż fl-EU MAP attwali, abbażi tar-Regolament (UE) 2017/1004.

(5) Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni tistabbilixxi, b'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/1004, il-lista ta' stħarriġiet obbligatorji tar-riċerka fuq il-baħar u l-limiti li inqas minnhom, l-Istati Membri mhumiex obbligati jiġbru d-*data* abbażi tal-attivitajiet tagħhom tas-sajd u tal-akkwakultura jew iwettqu stħarriġiet fuq il-baħar, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(b) u (c) ta' dak ir-Regolament. L-arranġamenti dettaljati dwar il-ġbir u l-ġestjoni tad-*data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika mill-Istati Membri, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1)(a) ta' dak ir-Regolament, huma previsti bid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/910 ([5]).

(6) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1251 titħassar.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għas-Sajd u l-Akkwakultura,

([1]) ĠU L 157, 20.6.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1251 tat-12 ta' Lulju 2016 li tadotta programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir, għall-ġestjoni u għall-użu ta' *data* fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura għall-perjodu 2017-2019 (ĠU L 207, 1.8.2016, p. 113)

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

([5]) Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/910 tat-13 ta' Marzu 2019 li tistabbilixxi l-programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura (ara paġna 27 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-programm multiannwali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-*data* fis-settur tas-sajd għall-perjodu 2020-2021, il-lista ta' stħarriġiet obbligatorji tar-riċerka fuq il-baħar u l-limiti li inqas minnhom, l-Istati Membri mhumiex obbligati jiġbru d-*data* abbażi tal-attivitajiet tagħhom tas-sajd u tal-akkwakultura jew iwettqu stħarriġiet fuq il-baħar, li jkopru l-partijiet tal-programm multiannwali tal-Unjoni msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2017/1004, tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1251 hi mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2020.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

KAPITOLU I

Stħarriġ tar-riċerka fuq il-baħar

Għall-inqas għandu jsir kull stħarriġ tar-riċerka fuq il-baħar imsemmi fit-Tabella ta' dan l-Anness (li tissostitwixxi t-Tabella 10 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1251), diment li rieżami tal-istħarriġiet ma jasalx għall-konklużjoni li l-istħarriġ ma jkunx għadu xieraq għal informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-istokkijiet u l-ġestjoni tas-sajd. Abbażi tal-istess kriterji xjentifiċi tar-rieżami, f'din il-lista jistgħu jitniżżlu stħarriġiet ġodda.

Fil-pjanijiet ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-istħarriġiet tar-riċerka fuq il-baħar li jridu jsiru u għandhom ikunu responsabbli għal dawn l-istħarriġiet.

L-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-istħarriġiet tar-riċerka internazzjonali għandhom jikkoordinaw l-isforzi tagħhom fl-istess reġjun tal-baħar.

Fil-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kontinwità mat-tfassil tal-istħarriġiet preċedenti.

Dan il-Kapitolu jissostitwixxi l-Kapitolu IV tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1251.

KAPITOLU II

Il-limiti

(1) Dan il-Kapitolu għandu japplika għas-sajd tal-Unjoni u jissostitwixxi d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1251.

(2) Ma għandha tingħabar l-ebda data bijoloġika meta għal ċertu stokk jew speċi ta' ħut:

(a) is-sehem ta' Stat Membru tal-qabda totali permissibbli (TAC) relatata jkun inqas minn 10 % tat-total tal-Unjoni, jew

(b) meta l-ebda TAC ma tkun ġiet iffissata, il-ħatt totali ta' Stat Membru ta' stokk jew speċi jkun inqas minn 10 % tal-ħatt totali medju tal-UE fit-tliet (3) snin ta' qabel, jew

(c) il-qabda annwali totali ta' Stat Membru ta' speċi tkun inqas minn 200 tunnellata. Għall-ispeċijiet bi ħtieġa ta' ġestjoni speċifika, jista' jiġi ddefinit limitu iżjed baxx fil-livell tar-reġjun tal-baħar.

Meta l-għadd totali tal-kwoti rilevanti ta' diversi Stati Membri, li s-sehem tat-TAC tagħhom ikun inqas minn 10 %, ikun iżjed minn 25 % tas-sehem tat-TAC ta' ċertu stokk, il-limitu ta' 10 % imsemmi fil-punt (a) ma għandux japplika u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kondiviżjoni tal-kompiti fil-livell reġjonali biex jiżguraw li l-istokk ikun kopert bil-kampjunar skont il-ħtiġijiet tal-utent finali.

L-ebda limitu ma għandu japplika għall-ispeċijiet pelaġiċi kbar u għall-ispeċijiet anadromi u katadromi.

(3) Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet iżjed speċifiċi relatati ma' obbligi internazzjonali skont l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd, jenħtieġ li ma tingħabar l-ebda data bijoloġika meta għal ċertu stokk ta' ħut sfruttat b'mod internazzjonali li ma jkunx stokk ta' speċijiet pelaġiċi kbar jew ta' speċijiet migratorji ħafna, is-sehem tal-Unjoni jkun inqas minn 10 %.

(4) L-Istati Membri għandhom jipprovdu stimi tal-qabdiet minn stħarriġiet eżistenti dwar is-sajd rikreattiv, inkluż dawk li jsiru skont il-Qafas għall-Ġbir tad-Data jew minn xi studju pilota ieħor, fi żmien sentejn mid-data meta din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ. Dawn l-istħarriġiet għandhom jippermettu l-valutazzjoni tas-sehem tal-qabdiet mis-sajd rikreattiv imqabbel mal-qabdiet kummerċjali għall-ispeċijiet kollha f'reġjun tal-baħar li għalihom huma meħtieġa stimi tal-qabdiet tas-sajd rikreattiv skont dan il-programm multiannwali tal-Unjoni. It-tfassil u d-dimensjoni sussegwenti tal-istħarriġiet nazzjonali dwar is-sajd rikreattiv, inkluż kull limitu għall-ġbir tad-data, għandhom jiġu kkoordinati fil-livell tar-reġjun tal-baħar u għandhom ikunu skont il-ħtiġijiet tal-utent finali.

L-ebda limitu ma għandu japplika għall-qabdiet rikreattivi tal-istokkijiet tal-ħut li huma soġġetti għall-irkupru jew għal pjanijiet ta' ġestjoni multiannwali bħal dawk li japplikaw għall-ispeċijiet pelaġiċi kbar u għall-ispeċijiet migratorji ħafna.

(5) Ma hemm bżonn tingħabar l-ebda data soċjali u ekonomika dwar l-akkwakultura jekk il-produzzjoni totali tal-Istat Membru tkun inqas minn 1 % tal-volum u tal-valur tal-produzzjoni totali tal-Unjoni. Ma hemm bżonn tingħabar l-

ebda data dwar l-akkwakultura għall-ispeċijiet li jammontaw għal inqas minn 10 % tal-produzzjoni tal-akkwakultura tal-Istat Membru skont il-volum u l-valur. Barra minn hekk, l-Istati Membri bi produzzjoni totali ta' inqas minn 2,5 % tal-volum u tal-valur tal-produzzjoni totali tal-akkwakultura tal-Unjoni jistgħu jiddefinixxu metodoloġija simplifikata, bħal pereżempju studji pilota, biex jestrapolaw id-data meħtieġa għall-ispeċijiet li jammontaw għal aktar minn 10 % tal-produzzjoni tal-akkwakultura tal-Istati Membri skont il-volum u l-valur.

Id-data ta' referenza għandha tkun l-aħħar sottomissjoni tal-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u d-data korrispondenti ppubblikata mill-Eurostat.

(6) Ma hemm bżonn tingħabar l-ebda data ambjentali dwar l-akkwakultura meta l-produzzjoni totali tal-akkwakultura tal-Istat Membru tkun inqas minn 2,5 % tal-volum u tal-valur tal-produzzjoni totali tal-akkwakultura tal-Unjoni.

Id-data ta' referenza għandha tkun l-aħħar sottomissjoni tal-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 762/2008, u d-data korrispondenti ppubblikata mill-Eurostat.

(7) Il-parteċipazzjoni (fiżika jew finanzjarja) ta' Stat Membru fl-istħarriġiet tar-riċerka fuq il-baħar li hemm mniżżlin fil-lista tal-istħarriġiet fuq il-baħar ta' dan l-Anness mhix obbligatorja meta s-sehem tiegħu tat-TAC tal-Unjoni tal-ispeċi fil-mira tal-istħarriġ ikun inqas mil-limitu ta' 3 %. Meta ma tiġi ffissata l-ebda TAC, il-parteċipazzjoni (fiżika jew finanzjarja) ta' Stat Membru fl-istħarriġiet tar-riċerka fuq il-baħar mhix obbligatorja meta s-sehem tiegħu mill-ħatt totali tal-Unjoni tat-tliet (3) snin preċedenti ta' stokk jew speċi jkun inqas mil-limitu ta' 3 %. Il-limiti għall-istħarriġiet dwar il-multispeċijiet u l-ekosistemi jistgħu jiġu ddefiniti fil-livell tar-reġjun tal-baħar.

(8) Minkejja l-punti 2 sa 7, fl-istess reġjun tal-baħar, l-Istati Membri jistgħu jaqblu dwar limitu alternattivi.

Lista tal-istħarriġiet tar-riċerka fuq il-baħar ([1])

Isem l-istħarriġ	Akronimu	Żona	Perjodu	Speċijiet fil-mira ewlenin
Il-Baħar Baltiku				
Stħarriġ Internazzjonali dwar it-Tkarkir fil-Baltiku	BITS Q1 BITS Q4	IIIaS, IIIb-d	L-ewwel (1) u r-raba' (4) kwart	Bakkaljaw u speċijiet demersali oħra
Stħarriġ Akustiku Internazzjonali fil-Baltiku (ħarifa)	BIAS	IIIa, IIIb-d	Sett-Ott	Aringi u laċċa kaħla
Stħarriġ Akustiku għall-Aringi fil-Golf ta' Riga	GRAHS	IIId	It-tielet (3) kwart	Aringi
Stħarriġ Akustiku tal-Laċċa Kaħla	SPRAS	IIId	Mejju	Laċċa kaħla u aringi
Stħarriġ dwar il-Larva tal-Aringi f'Rügen	RHLS	IIId	Marzu-Ġunju	Aringi
Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Lvant tal-Artiku (żoni ICES I u II)				
Stħarriġ Internazzjonali dwar it-Tkarkir tal-Qiegħ	IBTS Q1 IBTS Q3	IIIa, IV	L-ewwel (1) u t-tielet (3) kwart	Merluzz tal-Linja Sewda, Bakkaljaw, Pollakkju Iswed, Aringi, Laċċa Kaħla, Merlangu, Kavalli, Merluzz tan-Norveġja.
Stħarriġ dwar it-Tkarkir bit-Travu fil-Baħar tat-Tramuntana	BTS	IVb,IVc,VIId	It-tielet (3) kwart	Barbun tat-Tbajja', Lingwata
Stħarriġ dwar il-Ħut Demersali ta' Età Żgħira	DYFS	Il-kosti ta' NS	It-tielet (3) u r-raba' (4) kwart	Barbun tat-tbajja', lingwata, gamblu kannella
Stħarriġ dwar ix-Xbieki tal-Lingwata	SNS	IVb, IVc	It-tielet (3) kwart	Lingwata, Barbun tat-Tbajja'
Stħarriġ dwar iċ-Ċiċċirell fil-Baħar tat-Tramuntana	NSSS	IVa, IVb	Ir-raba' (4) kwart	Ċiċċirell
Stħarriġ Internazzjonali dwar l-Ekosistemi fl-Ibħra tat-Tramuntana	ASH	IIa	Mejju	Aringi, Stokkafixx

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 1).

Isem l-istħarriġ	Akronimu	Żona	Perjodu	Speċijiet fil-mira ewlenin
Stħarriġ dwar ir-Redfish fil-Baħar Norveġiż u fl-ilmijiet kontigwi	REDNOR	II	Aww-Sett	Redfish
Stħarriġ dwar il-bajd tal-kavalli (Triennali)	NSMEGS	IV	Mejju-Lulju	Produzzjoni tal-bajd tal-kavalli
Stħarriġ dwar il-Larva tal-Aringi	IHLS	IV,VIId	L-ewwel (1) u t-tielet (3) kwart	Larvi tal-Aringi u l-Laċċa kaħla
Stħarriġ Akustiku dwar l-Aringi NS	NHAS	IIIa, IV,VIa	Ġunju, Lulju	Aringa, Laċċa kaħla
Stħarriġ dwar in-Nephrops TV (FU 3&4)	NTV3&4	IIIA	It-tieni (2) u t-tielet (3) kwart	Nephrops
Stħarriġ dwar in-Nephrops TV (FU 6)	NTV6	IVb	Settembru	Nephrops
Stħarriġ dwar in-Nephrops TV (FU 7)	NTV7	IVa	It-tieni (2) u t-tielet (3) kwart	Nephrops
Stħarriġ dwar in-Nephrops TV (FU 8)	NTV8	IVb	It-tieni (2) u t-tielet (3) kwart	Nephrops
Stħarriġ dwar in-Nephrops TV (FU 9)	NTV9	IVa	It-tieni (2) u t-tielet (3) kwart	Nephrops
It-Tramuntana tal-Atlantiku (żoni ICES V-XIV u żoni NAFO)				
Stħarriġ Akustiku Internazzjonali dwar it-Tkarkir għar-Redfish (Biennali)	REDTAS	Va, XII, XIV; NAFO SA 1-3	Ġunju/Lulju	Redfish
Ħut tal-Qiegħ tal-Kap Fjamming	FCGS	3M	Lulju	Speċijiet demersali
Stħarriġ dwar il-ħut tal-qiegħ tal-Groenlandja	GGS	XIV, NAFO SA1	Ott/Nov	Merluzz, redfish u speċijiet demersali oħra
Stħarriġ dwar il-ħut tal-qiegħ 3LNO	PLATUXA	NAFO 3LNO	It-tieni (2) u t-tielet (3) kwart	Speċijiet demersali
IBTS tal-Punent, ir-raba' (4) kwart (inkluż l-istħarriġ dwar il-Porkuspini)	IBTS, ir-raba' (4) kwart	VIa, VII, VIII, IXa	Ir-raba' (4) kwart	Speċijiet demersali
IBTS Skoċċiż tal-Punent	IBTS, l-ewwel (1) kwart	VIa,VIIa	Marzu	Gadoids, aringa, kavall
ISBCBTS ta' Settembru	ISBCBTS	VIIa f g	Settembru	Lingwata, Barbun tat-Tbajja'
WCBTS	VIIe BTS	VIIe	Ottubru	Lingwata, Barbun tat-Tbajja', Petriċi, Lemon sole
Stħarriġ tal-Istokkafixx		VI, VII	L-ewwel (1) u t-tieni (2) kwart	Stokkafixx
Stħarriġ Internazzjonali dwar il-Bajd tal-Kavalli u tas-Sawrell (Triennali)	MEGS	VIa, VII,VIII, IXa	Jannar-Lulju	Il-produzzjoni tal-bajd tal-Kavalli u tas-Sawrell
Stħarriġ Akustiku dwar is-Sardin, l-Inċova, is-Sawrell		VIII, IX	Marzu-April-Mejju	Indiċijiet tal-abbundanza tas-Sardin, l-Inċova, il-Kavalli u s-Sawrell

Isem l-istħarriġ	Akronimu	Żona	Perjodu	Speċijiet fil-mira ewlenin
DEPM tas-Sardin (Triennali)		VIIIc, IXa	It-tieni (2) u r-raba' (4) kwart	SSB tas-Sardin u l-użu tal-CUFES
Stħarriġ akustiku dwar ir-riproduzzjoni/perjodu qabel ir-riproduzzjoni tal-Aringi/tal-Minfaħ		VIa, VIIa-g	Lulju, Sett, Nov, Marzu, Jan	Aringa, Laċċa kaħla
Bijomassa tal-Inċova	BIOMAN	VIII	Mejju	SSB (DEP) tal-Inċova
Stħarriġ tal-UWTV dwar in-Nephrops (lil hinn mix-xatt)	UWTV (FU 11-13)	VIa	It-tieni (2) u t-tielet (3) kwart	Nephrops
UWTV tan-Nephrops Il-Baħar Irlandiż	UWTV (FU 15)	VIIa	Awwissu	Nephrops
Stħarriġ tal-UWTV dwar in-Nephrops Iż-Żoni Aran	UWTV (FU 17)	VIIb	Ġunju	Nephrops
Stħarriġ tal-UWTV dwar in-Nephrops Il-Baħar Ċeltiku	UWTV (FU 20-22)	VIIg,h,j	Lulju	Nephropws
Stħarriġ dwar in-Nephrops NepS barra mix-xtut tal-Portugall	UWTV (FU 28-29)	IXa	Ġunju	Nephrops
L-ilmijiet tal-Mediterran u l-Baħar l-Iswed				
Stħarriġ Akustiku Pan-Mediterran ()	MEDIAS	GSA 1, 6, 7, 9, 10, 15, 16, 17, 18, 20, 22	Rebbiegħa-sajf (mit-tieni (2) sat-tielet (3) kwart)	L-ispeċijiet pelaġiċi żgħar
Stħarriġ dwar it-tkarkir tal-qiegħ fil-Baħar l-Iswed,	BTSBS	GSA 29	Rebbiegħa-ħarifa (it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) kwart)	Barbun Imperjali
Stħarriġ dwar it-tkarkir pelaġiku fil-Baħar l-Iswed,	PTSBS	GSA 29	Rebbiegħa-ħarifa (it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) kwart)	Laċċa kaħla u Merlangu
Stħarriġ internazzjonali dwar it-tkarkir tal-qiegħ fil-Mediterran (),	MEDITS	GSA 1, 2, 3, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 15, 16, 17, 18, 19, 20, 22, 23, 25	Rebbiegħa-sajf (mit-tieni (2) sat-tielet (3) kwart)	Speċijiefst demersali

(1) Il-lista tal-istħarriġiet tar-riċerka fuq il-baħar tissostitwixxi t-Tabella 10 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1251.